Minuti tat-3 laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar il-Ħamis, 30 ta' Mejju 2013 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet f'5.30p.m.

Prezenti għall-laqgħa:

| | |
|---|---|
| Saviour Borg | Sindku |
| Victor Cefai | Viċi Sindku |
| Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Horace Micallef | Kunsillier |
| Mario Mercieca | Kunsillier |
| | |
| Amanda Abela | A/Segretarju Eżekuttiv |

1. **Talba**

   Il-laqgħa bdiet b'talba mis-Sindku Saviour Borg.

2. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 2, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mil-A/Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza mis-Sindku**

- beda l-kisi bit-tarmak tat-tieni fażi tal-bini tat-Triq tax-Xlendi, minn Pjazza l-Għejjun sa quddiem il-Knisja. Rigward it-tappieri għan-nar tal-art f'din it-triq, ser jintużaw dawk li nqalgħu, kif ukoll iż-żewġ *samples* ta' tappieri mingħand Mario Mallia.
- is-Sindku kellu laqgħa mal-President tal-Kumitat Festi Nazzjonali u Reġjonali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, Mons Joe Vella Gauci. Din saret fl-uffiċċju tal-kultura fuq stedina ta' Mons Gauci. Ġiet diskussa kif jista jkun hemm aktar ko-operazzjoni bejn iż-żewġ naħiet.
- is-Sindku attenda għal-laqgħa oħra tal-Kumitat Reġjonali li saret fil-Banca Giuratale.
- saret ħarġa soċjo kulturali f'Malta għar-residenti. F'din il-ħarġa saret żjara fl-Oratorju tar-Redentur, fejn kien hemm qudddiesa hemmhekk ukoll, ħin liberu fil-Belt Valletta u żjara fil-*Family Park* ta' Wied il-Għajn. Attendew 46 persuna kif ukoll il-membri kollha tal-Kunsill.
- sar manutenzjoni fil-Belvedere fit-Triq tal-Mulejja.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

- tlestiet il-bankina ġdida bil-porfido quddiem il-Knisja Parrokjali. Din saret mill-Ministeru għal Għawdex bħala parti mit-tieni fażi tal-bini tat-Triq tax-Xlendi.
- saret l-applikazzjoni lill-MEPA biex isir it-tiġdid tal-permess tal-proġett tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku.
- Kera tas-Sala f'isem Dolindo Cassar u Carmel Mizzi ta' €100 kull talba – approvata
- Xiri ta' xtieli għall-belvedere fit-Triq John Gaspel Merchant u fit-Triq Kardinal A. Franchi flimkien mat-telgħa 'l isfel mill-Knisja– approvata
- Xiri ta' bin quddiem il-Knisja – approvat
- Informa lill-preżenti li l-ilma mitluf għal miżieb tal-Għajn il-Kbira ġie mqabbad.
- *Time-off* ta' Joseph Mercieca nhar id-9 t'April, mis-2pm-4pm – approvata
- Sħib fl-assoċċazzjoni ANSEK – il-Kunsill approva li jissieħeb f'din l-assoċċazzjoni u jħallas il-miżata ta' €100.

## 4. Risposta tal-*Management Letter*

L-aġent Segretarju Eżekuttiv informat lill-preżenti illi hija kkuntatjat lill-Joanna Caruana, li hija l-persuna nkarigata mill-Kunsill biex tieħu ħsieb l-*accounts*. Is-Sra. Caruana spjegat il-*management letter* li rċieva l-Kunsill, u kif irrispondiet hija fuq parir tas-Sindku.

Il-kunsill qabel li titqabbad Joanna Caruana biex tagħmel analiżi ta' x'ġara mill-100 euro li hemm neqsin mill-petty cash.

Il-Kunsill approva r-risposta tal-Management letter hekk kif preparata min Joanna Caruana.

## 5. Approvazzjoni tal-Budget għas-sena 2013

Joanna Caruana fhemet lill-preżenti l-budget li preparat hi flimkien mas-Sindku li jkopri s-sena 2013.

Wara diskussjoni, u emendi fil-Budget, dan ġie approvat mill-preżenti.

## 6. Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv

Il-kunsill irrikonixxa l-fatt li hemm bżonn li tinħareg is-sejħa għas-Segretarju Eżekuttiv. Horace stqarr li minn informazzjoni li għandu, fil-jiem li ġejjin se toħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet ġodda għal segretarji eżekuttivi min barra


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

l-pool, u għalhekk ikun aħjar jekk il-Kunsill jistenna li jingħalqu dawn l-applikazzjonijiet. Il-Kunsill iddeċieda li fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, jitlob linja gwida mid-DLG biex jibda il-process għal-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv.

7. **Kuntratt tal-ġbir ta' skart reċiklat**

Is-sindku issuġerixxa li jintalbu l-proposti taż-żewġ provdituri u wara ssir diskussjoni fuqhom.

8. **Mozzjonijiet:**

**Mozzjoni 1:**

"Nixtieq niprezenta din il-mozzjoni numru 1/2013, ghal estenzjoni tal-belveder fit-triq John Gaspard le Marchant. Infethet parti gdida mit-triq imsemmija u ghaldaqstant bdew jghixu r-residenti, ghalhekk huwa ghaqli li l-Kunsill Lokali jkompli bit-tisbieh fil-lokalita` cioe` li jigi estiz dan il-belvedere"

Proposta minn: Horace Micallef; sekondata minn: Mario Mercieca.

Is-Sindku stqarr li huwa wkoll għandu mozzjoni fuq l-istess suġġett, li tgħid hekk:

**Mozzjoni 2:**

"Il-kunsill għandu jagħmel tabella "Merħba Fontana" mal-ħajt tat-taraġ li sar dan l-aħħar f'tarf triq John Gaspard Le Merchant. Issir it-tkomplija tar- "retaining wall" u għoti ta' wiċċ bit-tarmak u bankina bil- "paving blocks", kif hemm mad-dawra kollha ta' dawn l-inħawi."

Proposta minn: Saviour Borg; sekondata minn: Victor Cefai.

Il-Kunsill qabel li l-mozzjoni ta' Horace u tas-Sindku għandhom jingħaqdu flimkien u qabel ukoll li jitqabbad il-perit John Saliba biex jara x'permessi hemm bżonn li jsiru ħalli jsir dan ix-xogħol.

**Mozzjoni 3:**

"Biex ikompli jiġi mħares il-wirt storiku tal-Fontana. Il-Kunsill għandu jaħseb biex isir rinovament tas-Sqaq tal-Mitħna ta' Randu, magħruf uffiċjalment bħala Sqaq Għar Gerduf. Dan permezz ta' pavimentar bil-porfido u "street furniture" li taqbel mal-ambjent ta' l-inħawi."

Proposta minn: Saviour Borg; sekondata minn: Carmel Farrugia.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Il-kunsill approva dan ix-xogħol u qabel li titqabbad l-perita Ivana Farrugia biex tibda l-proċess tal-permess.

**Mozzjoni 4:**

"Il-kunsill għandu jitlob lid-dipartiment tal-artijiet biex isir id-devoluzzjoni tax-xelter li hemm quddiem il-knisja parrokjali."

Proposta minn: Saviour Borg; sekondata minn: Victor Cefai.

Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

9. **Materji oħra**

Sindku – Saviour Borg

- Tinħasel it-Triq il-Għajn, taħt ir-*railing*. Horace ssuġerixxa li jinħaslu wkoll t-toroq Kappillan Ġużepp Ħili, u parti mit-Triq ta' Mulejja. Victor Cefai stqarr li huwa kien għadda mozzjoni biex isir dan is-sena l-oħra. Il-Kunsill qabel li jsir dan il-ħasil.
- Jinxtara bukkett għal quddiem l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesu – approvata
- Harġa lir-residenti f'Għawdex – jinġabar il-ħlas għall-ikel u għal-kafe minn min jattendi. Fost l-oħrajn, issir żjara lill-Mużew Marittimu u il-wirja tal-Basilka fis-sala tal-Kunsill Lokali Nadur. Din issir għall-aħħar ta' Ġunju.
- Laqgħa mal-Onor. Joe Mizzi – ġie spjegat li tneħħa s-servizz tal-Arriva mill-Fontana għax-Xlendi s-sena l-oħra, biex jerġa jibda dan is-servizz kif ukoll ġew imsemmiha t-toroq arterjali fil-fontana li huma b'responsiblità tal-Gvern Ċentrali. Is-sindku u Horace Micallef attendew u ressqu dawn il-proposti.
- Fuljett tal-festa – kwotazzjoni ta'€390.60 minghand A&M Printing. Il-kunsill approva li jsir.
- Suġġeriment biex jitqabbad Fr. Bezzina biex jagħmel riċerka fuq in-niċċa tal-kunċizzjoni li qegħdha Triq il-Għajn kantuniera ma Pjazza Tomba biex tintbagħat lill-MEPA minħabba r-restawr– approvata
- Ġew ordnati r-ritratti tal-gurament tal-ħatra tal-kunsill il-ġdid.
- Issir talba biex jingħataw l-flus tas-salarju tal-impjegata fuq l-iskema tad-diżabilità
- Ħarġa għal-Sqallija – nhar id-9 ta' Lulju. Il-Kunsill qabel li l-Kunsill jieħu ħsieb u jorganiżża t-transport miċ-Ċirkewwa għal-Belt u f'Għawdex.
- Permessi tal-kiosks tal-Festa – għandhom jinħarġu bħas-sena l-oħra.
- Is-Sindku ssuġerixxa li bħas-snin l-imgħoddija, il-Kunsill joffri ikla lill-anzjani li jgħixu waħedhom – il-Kunsill qabel.
- Tinġab stima biex isir *culvert* fit-Triq ta' Għajn Tuta bi grada fuqha biex l-ilma ma jibqax sejjer għal ġod-djar tar-residenti. Il-preżenti qablu ma dan.
- Jinxtara zebgħa għal-manutenzjoni kull fejn hemm bżonn – approvata


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555


S. Borg

- Jiġu llegati l-minuti tal-Kunsill preċedenti – approvata
- Jinħarġu l-avviżi għal-sejħa t'offerti biex jitnaddaf il-Wied tax-Xlendi – qbil bejn il-membri

Horace Micallef

- Sar patching bit-*tarmac* fit-Triq il-Għajn, minn Triq il-Kappillan sa Pjazza Tomba
- Żvilupp fuq l-4 fanali approvati – is-sindku se jiċċekja mal-kuntrattur Richard Cauchi biex jara fejn wasal il-proċess.
- Hemm palma mqaċta 'l isfel mill-Għajn il-Kbira – is-sindku se jieħu ħsieb li titneħħa l-għada.
- Issir *motorcycle bay* fit-Triq il-Qlb ta' Ġesu – approvata
- Isir *Double Yellow Line* quddiem ir-residenza Notre Adam, Triq il-Qalb ta' Ġesu – approvata
- Issir ħadida baxxa mal-bankina fit-Triq l-Isptar San Ġiljan tar-residenza – approvata.

Mario Mercieca

- Biex jinżebagħ *railing* fit-Triq il-Kappillan Hili - approvata
- Ħofra fit-Triq il-Kappillan Hili – is-sindku qal li f'dik it-Triq għandu jsir *patching* mill-kuntrattur Gatt Tarmac, u spjeġa li ilu jċempillu ħafna drabi biex isir dan ix-xogħol. Horace talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat ittra lill-kuntrattur biex isir dan il-*patching*.

Il-laqgħa spiċċat fin-8.00p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ġunju, 2013 fl-4pm.

Amanda Abela
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555